# FIL-QORTI ĊIVILI PRIM’ AWLA
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 26 ta’ Ġunju 2025**

**Rikors numru 578/2023**

**Ekaterina Evgenyevna Gladkova Lewis**

**vs.**

**Direttur Ġenerali tal-Qorti, Direttur Qrati Kriminali, L-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat li ġie kjamat in kawża b’digriet ta’ din il-Qorti tas-27 ta’ Ġunju 2024.**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. RIKORS

1. Rat ir-rikors ta’ Ekaterina Evgenyevna Gladkova Lewis ippreżentat fl-20 ta’ Novembru 2023, fejn stqarret li hija *parte civile* fil-proċeduri kriminali kontra Samil Kartal Turkdogan, liema proċeduri, kienu qegħdin jinstemgħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali preseduta mill-Onorevoli Maġistrat Dr. Yana Micallef Stafrace. Illi fis-smigħ tat-28 ta' Settembru 2023, deher bħala xhud tal-prosekuzzjoni ċertu Michele Sicilano Michele, li kien ġie ordnat u mwaqqaf milli jixhed, mingħajr ma ġie indikat il-bażi

legali li fuqha kienet imsejsa dik id-deċiżjoni li ma jixhidx. Il-verbal ta' dik is-seduta ġie anness bħala Dok A.

2. Ir-rikorrenti kienet ħassitha aggravata b'din id-deċiżjoni u permezz ta' rikors intavolat quddiem dik il-Qorti fit-3 ta' Ottubru 2023, talbet li id-digriet jiġi revokat *contrario imperio* għaliex kien qed jilledi d-dritt fundamentali tar-rikorrenti għal smigħ xieraq. Kopja tar-rikors ġiet annessa bħala Dok B. Iżda permezz tad-digriet tal-4 ta' Ottubru 2023 dik il-Qorti ċaħdet din it-talba u ma tat ebda raġuni għal dan. Kopja tad-digriet ġiet annessa bħala Dok C. Hija sostniet li l-Qorti tal-Maġistrati kienet żbaljat meta emanat dan id-digriet mingħajr motivazzjoni jew indikazzjoni tal-bażi legali jew ta' ġudikat.

3. Għalkemm għarfet ir-ratio wara l-artikolu 578 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li ma jippermettix li waqt eżami ta' xhud jsirulu mistoqsijiet diretti jew suġġestivi fil-fehma tar-rikorrenti l-mistoqsija magħmula lilu '*Can you tell us what happened on the 24th of June.....?*' ma kinitx domanda diretta jew suġġestiva. Ġie premess ukoll li fit-tifsira tal-artikolu 578 tal-Kapitolu 12 jeħtieġ li dik id-domanda tkun propensa li jew tidderiġi x-xhud lejn tweġiba li tippreġudika lill-akkużat jew li tissuġġerixxi l-istess tip ta' tweġiba.

4. Premettiet ukoll, illi konsapevoli tal-fatt li sabiex tinstab ħtija kriminali jekk jiġi ppruvat il-konkorrenza tal-*actus reus* u l-*mens rea*, f'lok u ħin partikolari għaldaqstant il-mistoqsija li tirreferi għal ġurnata partikolari tissuġġerixxi li x-xhud wieħed mill-elementi meħtieġa biex tinstab ħtija kriminali.

5. Premettiet inoltre li *dato ma non concesso* li din id-domanda kienet waħda projbita bis-saħħa tal-artikolu 578 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-effett tagħha fuq il-proċeduri imsemmija kien oġġettivament *de minimis*. Kien tkun deċiżjoni iżjed proporzjonata għal dik il-Qorti li kieku waqqfet biss it-tweġiba għal dik id-domanda, u ordnat il-prosegwiment ta' smigħ tax-xhud.

6. B'hekk ir-rikorrenti lmentat li din id-deċiżjoni kienet kisritilha d-dritt għal smiegħ xieraq skont l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u permezz tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. B'hekk talbet lil din il-Qorti:

i) Tiddikjara illi b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħti fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2023 fi proċeduri fl-ismijiet Pulizija vs Samil Kartal Turkdogan, illi permezz tiegħu ġiet imwaqqfa d-

depożizzjoni tax-xhud tal-prosekuzzjoni Michele Sicilano Michele u li permezz tiegħu dan ix-xhud ġie prekluż milli jkompli jixhed, jilledi d-dritt ta' smiegħ xieraq, u aċċess għall-ġustizzja tal-esponenti *qua parte civile* sancit lilha permezz tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u permezz tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem.

ii) Tiddikjara illi digriet tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħti in camera fit-3 ta' Ottubru 2023 fil-proċeduri fl-ismijiet Pulizija vs Samil Kartal Turkdogan, illi permezz tiegħu ġie miċħud rikors sabiex id-digriet mogħti fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2023 jiġi revokat *contrario imperio*, jilledi id-dritt ta' smigħ xieraq u aċċess għal ġustizzja tal-esponenti *qua parte civile* sanċit lilha permezz tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u permezz tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

iii) Tordna li x-xhud Michele Sicilano Michele għandu jkompli jixhed fil-proċeduri kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Samil Kartal Turkdogan li preżentament qieghed jinstema' quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

iv) Tagħti dawk ir-rimedji xierqa u opportuni kollha sabiex jiġi assigurat li d-dritt tas-smigħ xieraq tal-esponenti ma jiġix miksur aktar fil-proċeduri kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Samil Kartal Turkdogan li preżentament qieghed jinstema' quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

7. Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali ippreżentata fis-26 ta' Jannar 2024, fejn fl-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħha saħqet li fuq l-istess allegazzjoni u bejn l-istess partijiet kienet diġà saret kawża t'indoli kostituzzjonali li ġiet deċiża fit-12 ta' Jannar 2024 bin-numri 577/2023MS fejn it-talba tar-rikorrenta kienet ġiet miċħuda. B'hekk ir-rimedju li hija kellha kien dak li hija tinterponi appell minn dik is-sentenza u mhux li terġa tadixxi lill-istess Qorti diversament presjeduta b'talbiet identiċi.

8. Apparti dan fit-tieni eċċezzjoni tagħha l-Avukat Ġenerali sostniet li stante li dwar il-meritu ta' din il-kawża infraskritta diġà kien hemm il-ġudikat imsemmi iżjed il-fuq, ma kienx konsonu mal-prinċipju tal-ekonomija tal-ġudizzju li din il-Qorti terġa tgħaddi biex tinvestiga l-meritu tal-każ.

9. Rat li fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2024, l-avukat difensur tar-rikorrenta talab korrezzjoni f'isem ir-rikorrenta fis-sens li isimha jiġi jinqara bħala Ekaterina Evgenyevna Gladkova Lewis. Din il-Qorti laqgħet it-talba.

10. Rat li fl-istess seduta, dil-Qorti laqgħet ukoll it-talba għall-kjamat in kawża tal-Avukat tal-Istat.

11. Rat ir-risposta tal-kjamat in kawża Avukat tal-Istat fejn in linea preliminari eċċepixxa li bejn l-istess partijiet diġà kienet ġiet intavolata kawża ta' indoli kostituzzjonali li ġiet deċiża fit-12 ta' Jannar 2024 bin-numri 577/2023MS. Ir-rimedju li kellha r-rikorrenta f'dak il-punt kien li tinterponi appell lil Qorti Kostituzzjonali u mhux li tressaq proċeduri separati fuq l-istess meritu quddiem l-istess Qorti. B'hekk illum dawk il-proċeduri kienu *res judicata*. Il-fatt li bejn il-partijiet kien hemm żewġt proċeduri kriminali ma jfissirx li ma setgħetx tressaq ilment kostituzzjonali wieħed aktar u aktar meta dawk iż-żewġt proċeduri kriminali kienu qegħdin jinstemgħu flimkien u l-provi miġbura kienu japplikaw għaż-żewġ prosekuzzjonijiet. L-Avukat tal-Istat saħaq li f'dan il-każ kien hemm abbuż pależi tal-proċedura ġudizzjarja li trendi dawn il-proċeduri monki u/jew nulli.

12. Rat li matul is-seduta tat-23 ta' Settembru 2024 l-Avukat tal-Istat insista fuq deċiżjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu. Il-Qorti laqgħet it-talba u akkordat lill-partijiet termini ta' żmien għall-preżentata ta' noti ta' sottomissjonijiet dwar l-eċċezzjonijiet marbuta mal-eċċezzjoni tar-res judicata imsemmija fl-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat u l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet preliminari tal-Avukat Ġenerali.

13. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet, id-dokumenti u l-atti proċesswali.

## B. FATTI TAL-KAŻ

14. Ir-rikorrenti kienet parte ċivili fil-proċeduri kriminali kontra Samil Kartal Turkdogan kif ukoll Sahin Turkdogan liema proċeduri kienu qegħdin jinstemgħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta Ġudikatura Kriminali. Mill-kopji tal-komparixxi eżebiti mill-Assistent Reġistratur Marica Mifsud waqt is-seduta tal-4 ta' Frar 2025 irriżulta li dawn il-proċeduri kriminali kienu separati għaż-żewġt imputati. Irriżulta mill-kopja tad-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati msemmija u eżebit bħala Dok A mar-rikors promotur li dik il-Qorti kienet qegħda tisma' lil dawn iż-żewġt kawżi flimkien in kwantu d-digriet tagħha kien jinkludi l-isem taż-żewġt imputati fl-okkju, minkejja li dawn kienu mixlija b'komparixxi separata għal kull wieħed minnhom.

15. Matul is-seduta tat-28 ta' Settembru 2023, deher bħala xhud tal-presekuzzjoni ċertu Michele Sicilano Michele li twaqqaf milli jkompli jinstema' kif jidher fil-verbal tas-seduta (Dok A, fol 5). Ir-raġuni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet li l-avukat tal-parte civile kien indika d-data speċifika li dwarha x-xhud kien mitlub li jixhed.

16. Ir-rikorrenta ħassitha aggravata b'din id-deċiżjoni u għalhekk ippreżentat rikors għal rikonsiderazzjoni quddiem dik l-istess Qorti fit-3 ta' Ottubru 2023, fejn talbet ir-revoka *contrario imperio* tad-digriet tat-28 ta' Settembru 2023. Permezz tad-digriet datat 4 ta' Ottubru 2023 dik il-Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrenti kif jidher f'Dok C fol 10.

17. Sadattant ir-rikorrenta kienet intavolat rikors quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet identiċi għal dawk f'din il-kawża fejn għamlet talbiet identiċi iżda b'riferenza għall-proċeduri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Sahin Turkdogan**. Kemm l-Avukat Ġenerali kif ukoll l-Avukat tal-Istat kienu għamlu t-tweġibiet tagħhom li, essenzjalment huma identiċi għal dawk imresqin f'din il-kawża.

18. Din il-Qorti diversament presjeduta b'sentenza tat-12 ta' Jannar 2024 ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenta.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

19. Fil-qosor il-ġist tal-eċċezzjonijiet preliminari tal-Avukat Ġenerali u tal-Avukat tal-Istat huma li din il-proċedura hija identika fis-sustanza tagħha għal dik ġja deċiża fl-istess ismijiet fit-12 ta' Jannar 2024, fil-każ numru 577/23MS. Dan jagħti lok għal żewġ kunsiderazzjonijiet :

(a) Ir-rimedju li kellha r-rikorrenta wara dik il-kawża kien dritt t'appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u mhux tiftaħ kawża oħra quddiem l-istess Qorti fuq l-istess meritu bl-istess talbiet;

(b) Ladarba ġiet deċiża dik il-kawża, kien issa allura jappliku l-prinċipju tar-res judicata f'dan il-każ.

20. Sabiex tirnexxi azzjoni ta' *res judicata* kien jeħtieġ li jkun hemm il-konkorrenza ta' tliet elementi: [1]

(a) *eadem personae*: li l-ġudizzju jkun bejn l-istess partijiet;
(b) *eadem res*: l-identiċità tal-oġġett ta' ġudizzju,[2] u
(c) *eadem causa petendi*: l-identiċita' tal-fatt ġuridiku li minnu jitwieled id-dritt reklamat.[3]

21. Dawn il-prinċipji legali jridu jinqraw fl-isfond tal-prinċipji stabbiliti fil-ġurisprudenza, iżda fuq kollox unikament mal-fatti partikolari tal-każ in kwistjoni u fid-dawl tal-portata tas-sentenza preċedenti.

22. Fis-sottomissjonijiet tagħhom l-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat isostnu li r-rikorrenta intavolat żewġ rikorsi kostituzzjonali bin-numri 577/2023 u 578/2023 fejn fihom hemm l-istess ismijiet, premessi u talbiet bid-differenza tkun li fil-proċedura numru 577/2023 kienet saret b'riferenza għall-proċedura fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Sahin Turdogan** filwaqt li fil-proċedura odjerna saret riferenza għall-proċeduri **Il-Pulizija vs Samil Kartal Turdogan**.

---

[1] It-tifsira ta' *res judicata* ġiet definita mil-Qorti tal-Appell Kummerċjali fil-każ **Dr José Herrera noe vs. Anthony Cassar et noe** deċiż fil-5 ta' Ottubru 1992 fejn ingħad:

Sentenza li għaddiet 'in giudicato' jiġifieri li ma tistax tappella minnha iżjed, hija miżmuma bħala tajba u sewwa u tal-ħaqq - res judicata pro veritate habetur......... Min-naħa l-oħra fejn kwistjoni tkun ġiet definita u trattata, is-sentenza issir irrevokabbli jekk, wara li tiġi appellata jew ritrattata fiż-żmien li trid il-liġi ma ssib l-ebda proċedura oħra li tattakka is-sentenza. Ara wkoll **Charles Cortis vs. Francis X Aquilina et** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Settembru 2003.

Fil-każ **Caterina Gerada vs. Avukat Dottor Antonio Caruana** deċiż fis-7 ta' Marzu 1958 ingħad li l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha tingħata interpretazzjoni stretta:

> ' l'eccezzione di rei giudicata si deve ammettere con molta circospezione, tanto piu quando trattasi di escludere un diritto.'

Fil-fatt sabiex *res judicata* tiġi eċċepita b'suċċess jeħtieġ li ċ-ċirkostanzi relevanti tal-każ jibqgħu l-istess bħal dawk tal-kap ta' qabel. Ara l-appell ċivili **Angelo Bartolo vs. Concetta Lautier**, deċiż fid-29 ta' April 1966.

[2] Dwar l-*eadem res*, fil-każ **Reġistratur tal-Qrati Superjuri vs. M of Time Limited** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Frar 2000 ġie ritenut:

> Illi mill-interpretazzjoni li jaghtu d-diversi awturi ta' kif għandha tiġi ddeterminata l-identità tal-oġġett jidher illi l-aħjar mod u li teżamina jekk il-kwistjoni mqajma fit-tieni talba ġietx jew le deċiża minn sentenza li tkun għaddiet in ġudikat. Illi għalhekk wieħed irid jara jekk il-punt imqajjem fit-tieni talba ġiex determinat mis-sentenza l-ohra jew jekk baqax irriżolt. Illi jekk il-kwistjoni tkun ġiet diskussa u deċiża, allura ikun hemm l-identità tal-oġġett.

[3] Dwar l-*eadem causa petendi*, din il-qorti tirreferi għall- kawża **Edmea Pace vs. Edward Pavia** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Lulju 2003 fejn ġie ribadit:

> '..... Il-ġudikat hu valevoli biex jiddefinixxi d-domanda sussegwenti li, għalkemm mhux identika għal dik definita bil-ġudikat, tkun fondata fuq l-istess 'ratio petendi'; u hemm lok għall eċċezzjoni tal-ġudikat anke meta l-mertu tal-kawża għalkemm distint mill-kawża ta' qabel, jifforma parti mill-istess ħaġa, jekk il-punt kontrovers ikun l-istess: u għalkemm biex jista' jiġi invokat il-ġudikat hemm bżonn l-identità tal-oġġett, din l-identita ma hemmx bżonn tkun assoluta, basta li jkun hemm identità fuq il-punt kontrovers, jew tal-oġġett aktar ampju dedott fl-ewwel ċitazzjoni'.

23. Ir-rikorrenta tgħid li l-preġudizzjali tal-ġudikat ma kienetx tista’ tiġi milqugħa in kwantu ż-żewġ proċeduri kostituzzjonali kienu jittrattaw l-istess kwistjoni li però seħħet f’żewġ proċeduri kriminali separati u distinti minn xulxin. Għaldaqstant ir-rikorrenti ssottomettiet li l-element tal-*eadem res* u l-*eadem causa petendi* ma kienux l-istess.

24. Ma ġiex ikkontestat li l-proċeduri kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Sahin Turkdogan** u **Il-Pulizija vs. Samil Kartal Turkdogan**, kienu qegħdin jinstemgħu flimkien.

25. L-Avukat Ġenerali u tal-Avukat tal-Istat jisħqu li l-punt ta' dritt li ġie deċiż fis-sentenza 577/2023 tat-12 ta' Jannar 2024 kien jitratta l-istess identiku punt ta' dritt illi din il-Qorti ġiet mitluba tiddeċiedi, ossija jekk il-Qorti tal-Maġistrati fid-digriet tagħha imsemmi iżjed il-fuq kisretx l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni li jipprovdu għad-dritt tas-smiegh xieraq fil-konfront tar-rikorrenta, parte ċivile f’dawk il-proċedura, meta dik il-Qorti waqfet lix-xhud tal-Prosekuzzjoni Michele Siciliano Michele milli jixhed fuq l-ewwel domanda magħmula lilu mill-Avukat tal-istess parte civile.

26. Inoltre, l-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat saħqu li r-rikorrenta naqset milli tintavola appell mis-sentenza tat-12 ta’ Jannar 2024. B’hekk l-insistenza tagħha li tkompli b'din il-proċedura kostituzzjonali odjerna wara li ma ntavolatx appell, twassal għal forma ta' abbuż tal-proċedura ġudizzjarja.

27. Di piu, insistew li l-għażla tar-rikorrenta li tkompli tissokta b'din il-proċedura kienet tissarraf f’forma ta’ *forum shopping* palezi stante li r-rikorrenti kienet ben konsapevoli li ma setgħetx tintavola żewġ kawżi kostituzzjonali bl-istess premessi u talbiet fuq punt ta' dritt li kien hemm f’żewġ proċeduri penali, li però kienu qegħdin jinstemgħu flimkien u fl-istess waqt tippretendi li tingħata żewġ sentenzi mill-istess Qorti ta’ Ġurisdizzjoni kostituzzjonali li però kienet presjeduta minn żewġt Imħalfin differenti. B’hekk saħqu li l-preġudizzjali tar-*res judicata* kienet waħda siewja stante li kien hemm diġà deċiżjoni bejn il-partijiet dwar l-istess premessi u talbiet fuq punt ta' dritt identiku li jemanu mill-istess proċedura penali.

28. Salv għar-referenza għall-isem tal-kawża kriminali **Il-Pulizija vs. Sahin Turkdogan** fil-kawża numru 577/2023MS, kemm il-partijiet, kemm il-premessi kif ukoll it-talbiet huma identiċi għal dawk

misjuba f'din il-proċedura odjerna. Minbarra dan, anke l-eċċezzjonijiet imresqa mill-intimati huma – salv għal dawk taħt eżami f'din il-kawża li għal raġunijiet ovvji ma setgħux jiġu mresqa f'dik il-kawża – kienu wkoll prattikament identiċi.[4] B'hekk il-partijiet, l-oġġett tal-ġudizzju u l-fatt ġuridiku huma l-istess.

29. L-oġġezzjoni primarja tar-rikorrenta tistrieħ fuq il-fatt li l-parti dispożittiva fil-kawża suċitata 577/2023 kienet differenti mid-domanda ġudizzjarja u l-parti dispożittiva fil-kawża odjerna peress li, għalkemm kienet titratta l-istess depożizzjoni ta' xhud partikolari, din però kienet saret b'riferenza għal żewġ proċeduri kriminali distinti minn xulxin – ġaladarba l-kawża **Il-Pulizija vs. Sahin Turkdogan** u **Il-Pulizija vs. Samil Kartal Turkdogan** kienu mibdija kontra imputati differenti, b'akkużi differenti u b'avviżi differenti.

30. Din il-Qorti tifhem li kien dan l-argument li meta kienu ġew preżentati ż-żewġt kawżi kostituzzjonali fl-20 ta' Novembru 2023 mir-rikorrenta, kien xprunha taħseb li b'dak il-mod setgħet tikkawtela l-interessi tagħha aħjar. Stante li verament dawk iż-żewġt kawżi kriminali kienu kontra żewġt imputati differenti, b'akkużi differenti u b'żewġt atti promoturi differenti, l-argument tagħha allura jidher li kien li kienet meħtieġa dikjarazzjoni ġudizzjarja fit-tnejn li huma.

31. Madankollu, għalkemm dan kollu huwa minnu, jibqa' l-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta), anke għal finijiet ta' prattiċita u ekonomija tal-ġudizzju fi proċeduri sommarji, korrettament għażlet li dawk iż-żewġt kawżi kriminali – għalkemm xorta waħda jibqgħu separati u distinti minn xulxin, meritevoli allura ta' żewġt sentenzi separati – jinstemgħu flimkien, fis-sens li mill-lat proċedurali jsir smiegħ uniku applikabbli għaż-żewġt kawżi b'verbali u digrieti li jkunu wkoll applikabbli għaż-żewġ kawżi safejn dan kien proċeduralment possibbli. Allura jirriżulta mhux kontestat li s-smiegħ tax-xhud Michele Siciliano Michele kien qiegħed isir kontemporanjament fiż-żewġt kawżi kriminali. Allura dan kien ifisser li l-ordni tal-Qorti tal-Maġistrati biex dan ix-xhud iwieġeb għall-mistoqsijiet li kienu prospettati li jsirulu kif ukoll iċ-ċaħda ta' rikonsiderazzjoni ta' dik id-deċiżjoni tagħha kienu jirriżultaw komuni għaż-żewġt proċeduri.

---

[4] Issa għalkemm f'din il-kawża odjerna ġew ċitati wkoll id-Direttur Ġenerali tal-Qorti u d-Direttur Qrati Kriminali, b'differenza għall-kawża 577/2023 MS ma jirriżultax li dawn ippreżentaw ir-risposta tagħhom. Dan in-nuqqas però huwa mifhum minn din il-Qorti mhux bħala ammissjoni ta' dak li qed tippretendi r-rikorrenti iżda bħala forma ta' kontestazzjoni tagħha.

32. L-enfażi allura kellha ssir fuq l-effett ta’ dawk l-ordnijiet ġudizjarji magħmula f’kuntest proċedurali waħdieni, għalkemm applikabbli għaż-żewġt proċeduri kriminali. Allura din il-Qorti taqbel mal-argument tal-Avukat Ġenerali u tal-Avukat tal-Istat fis-sens li f’kuntest simili, ma kienx hemm il-ħtieġa li jiġu preżentati żewġt kawżi fuq l-istess fatti ġuridiċi marbuta flimkien fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati li tisma’ dawk iż-żewġt kawżi flimkien kif spjegat iżjed il-fuq. Dan kien jagħmel sens anke għall-ekonomija tal-ġudizzju, filwaqt li jassigura iżjed ċertezza legali in kwantu jevita l-possibilita ta’ ġudizzji konfliġġenti. F'dan ir-rigward tagħmel sens ir-riferenza li saret għall-kawżi **Jacky System s.r.l. vs. Centurionbet Limited** (134/16) deċiża mill-Qorti Ċivili fit-tlieta u 23 ta' Frar 2016, kif ukoll għall-każ **Dustin Bugeja vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et** (402/2021/1) LM deċiża fit-13 ta' Mejju 2024 mill-Qorti Kostituzzjonali.[5]

33. Huwa veru li meta r-rikorrenta intavolat ir-rikorsi identiċi tagħha b’riferenza għaż-żewġt kawżi kriminali differenti ma kienetx taf x’eżitu proċedurali dawk il-kawżi kostituzzjonali kien sejjer ikollhom. Iżda kien faċilment prevedibbli li dawn kienu sejrin jiġu assenjati lil ġudikanti differenti. Veru wkoll li eventwalment setgħa jkun hemm it-talba għal konnessjoni tal-kawża fis-sensi tal-art 793(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta. Iżda f’dan il-każ dan ma seħħx peress li din il-Qorti diversament presjeduta tat is-sentenza tagħha fuq il-meritu tal-kawża qabel ma tali talba setgħet issir quddiem din il-Qorti.

34. F’dak il-punt allura l-argument tal-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat jagħmel sens, peress li wara li ingħatat is-sentenza minn dik il-Qorti, jekk ir-rikorrenta kienet ħassetha aggravata biha, hija kellha r-rimedju ordinarju li tinterponi appell minn dik is-sentenza. Dan ma għamlitux. Mill-banda l-oħra jirriżulta però li minkejja dan, hija xorta waħda baqgħet tinsisti li din il-kawża quddiem il-Qorti kif presjeduta tibqa’ miexja – anke jekk kien hemm sentenza li għaddiet in ġudikat fuq il-punt legali identiku sollevat minnha fiż-żewġt kawżi.

---

[5] M' għandux ikun li kwistjonijiet dwar allegat ksur ta' jedd fondamentali fil-kors ta' kawża kriminali jitressqu kawżi li jsiru fi żminijiet differenti kull meta jfettillu l-akkużat. Ma kien hemm l-ebda impediment għall-attur li jsemmi l-ilmenti li jagħmel fil-kawża odjerna, fil-kawża 16/2016. Bit-tieni kawża li fetaħ l-attur ifisser li f' kawżi ta' din ix-xorta qatt ma jista' jkun hemm ċertezza legali għaliex kull meta jfettillu l-akkużat jiftaħ kawża kostituzzjonali b'ilment ġdid dwar l-istess proċeduri kriminali, fuq materji li kellu kull opportunità li jressaq fl-ewwel kawża. Dan iwassal għal abbuż tal-proċess ġudizzjarju u nuqqas ta' ċertezza legali.

35. F’dan l-isfond, il-Qorti tqis li l-preġudizzjali tal-Avukat Ġenerali u dawk tal-Avukat tal-Istat imsemmija iżjed il-fuq jimmeritaw li jiġu milqugħa.

# Deċide

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi il-Qorti tilqa’ l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Avukat Ġenerali, kif ukoll l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat biex b’hekk tilqa’ l-preġudizzjali tar-*res iudicata.***

**Spejjeż a karigu tar-rikorrenta.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**